# Policy Ambjentali Nestlé Malta

Nestlé | Safety & Health Environmental Sustainability

## L-iskop tagħna

L-iskop ta' Nestlé hu li ttejjeb il-kwalità tal-ħajja u tikkontribwixxi għal futur aktar b'saħħtu. L-attitudni tagħna toħloq valur mhux biss għan-negozju tagħna, iżda wkoll għall-individwi u l-familji, għall-komunitajiet tagħna u għad-dinja. L-ikbar ambizzjoni ta' Nestlé mad-dinja kollha hija li tagħmel minn kollox sabiex ma jkollha l-ebda impatt ambjentali fl-operazzjonijiet globali tagħha sal-2030.
Nestlé Malta tappoġġa dan il-għan u aħna impenjati li noperaw b'modi aktar sostenibbli u effiċjenti biex nilħqu dawn l-isfidi ambjentali.

## L-impenn tagħna

Nestlé Malta hija impenjata li:

- Tosserva bis-sħiħ kemm il-ħtiġijiet legali kollha applikabbli kif ukoll dawk interni
- Tfittex kontinwament soluzzjonijiet biex nirkupraw l-iskart mill-konsumaturi tagħna u nirriċiklaw għal użu alternattiv
- Tnaqqas l-iskart iġġenerat mill-attivitajiet tagħna stess u nghadduh ghal riċiklaġġ u użu mill-ġdid
- Tnaqqas il-konsum tal-elettriku u fjuwil fossili u tadotta strateġiji ta' enerġija sostenibbli
- Timplimenta sistemi u proċessi biex tiżgura li r-riskji ambjentali jiġu mmaniġġjati b'mod konsistenti;
- Ittejjeb kontinwament il-prestazzjoni ambjentali tal-attivitajiet tagħha u tevita t-tniġġis, permezz tas-Sistema ta' Mmaniġġjar Ambjentali li tissodisfa l-ħtigijiet ta' ISO 14001.
- Nippromwovu policies, prinċipji u titjib kontinwu fil-miżuri ambjentali fost l-impjegati, partijiet interessati u l-fornituri tas-servizzi fil-katina tal-provvista u bi tmexxija eżemplari.

Aħna ser nipprovdu direzzjoni u riżorsi biex niżguraw li dan l-impenn ikun kompletament integrat fil-Kumpanija tagħna.

Nestlé Malta LTD, Country Manager, Giuliana Isolani

March 2020